



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2015/2223(INI)

29.1.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-ilħuq tal-mira tal-ġlieda kontra l-faqar fid-dawl tal-ispejjeż li qed
jiżdiedu għall-familji
(2015/2223(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Julie Ward

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi fl-UE hemm 12-il miljun aktar nisa milli rġiel li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' faqar; billi madwar l-UE, in-nisa u t-tfal li jiddependu fuqhom jinsabu f'riskju sproportjonat ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, u billi l-kriżi ekonomika u l-politika ta' awsterità aggrawaw dawn l-inugwaljanzi, u wasslu għall-"femminizzazzjoni tal-faqar"; billi d-distribuzzjoni tal-introjt fl-unitajiet domestiċi mhijiex ugwali u hi mqassma skont il-ġeneru għal raġunijiet varji, inkluż proporzjon kbir ta' nisa li jaħdmu f'impjiegi prekarji jew f'xogħol mhux iddikjarat, vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, u dipendenza ekonomika, li jeħtieġu kejl individwalizzat tad-introjt u tal-infiq; billi l-familji kbar iġarrbu spejjeż u piżijiet akbar u tfal dipendenti, persuni anzjani, jew persuni vulnerabbli oħra li jiddependu fuq il-kura informali tan-nisa huma wkoll f'riskju sproportjonat ta' faqar u esklużjoni soċjali;
- B. billi huwa meħtieġ impetu politiku ġdid u qawwi jekk irridu li jintlaħqu l-miri tal-faqar 2020; billi l-għadd totali ta' miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar attwali għadhom tmien miljun ruħ anqas mill-mira prevista għall-2020; billi r-reviżjoni tal-istrateġija tal-2020 hi żmien adatt għal impenn imġedded u deċiż għall-qerda tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, u għar-riforma u l-allinjament mill-ġdid tal-istrateġija nazzjonali;
- C. billi d-disparità bejn is-sessi fil-pagi, ħinijiet tax-xogħol u t-tul tal-ħajja tax-xogħol li n-nisa jiffaċċjaw matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom għandhom effett dirett fuq ħajjithom bħala pensjonanti; billi nisa ta' l fuq minn 65 sena jinsabu f'riskju sostanzjalment ogħla ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali mill-kontropartijiet tagħhom irġiel, peress li l-medja ta' dħul ta' pensjoni ta' mara bħalissa hi inqas, u ta' sikwit anke b'mod sostanzjali, minn dik ta' raġel;
- D. billi l-intersezzjonalità tal-aspetti tal-ġeneru tal-faqar titlob approċċ olistiku għat-trattament ta' diskriminazzjoni multipla, kif ukoll kwistjonijiet bħall-akkomodazzjoni, spejjeż tal-enerġija, servizzi pubbliċi, is-sigurtà tal-impjeg, l-impjeg prekarju u l-politika ta' tassazzjoni;
- E. billi l-miri kontra l-faqar ma jistgħux jintlaħqu sakemm ma jiġix indirizzati il-faqar tan-nisa, peress li l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżiħ ekonomiku u l-emanċipazzjoni tan-nisa huma neċessarji għal konverġenza 'l fuq tat-tnaqqis tal-faqar;
- F. billi ż-żieda fl-ispejjeż domestiċi taffettwa lil ċerti gruppi b'mod partikolari, bħal familji b'ġenitur wieħed, in-nisa anzjani, in-nisa migranti, u l-persuni b'diżabbiltà, filwaqt li l-livelli tal-appoġġ soċjali jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u li l-appoġġ mhux dejjem jiggarrantixxi livell adegwat ta' assistenza;
- G. billi l-ġbir ta' data u t-tfassil tal-politika dwar il-faqar, l-ispejjeż tal-għajxien u l-introjt fuq il-bażi ta' unitajiet domestiċi bħala unitajiet kostitwenti tassumi l-uniformità u d-distribuzzjoni ekwa tar-riżorsi bejn il-membri tal-unità domestika; billi, fil-prattika, l-unitajiet domestiċi jvarjaw, u d-distribuzzjoni tista' ma tkunx ugwali u mqassma skont il-ġeneru, li jirrikjedi approċċ għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-ispejjeż u l-introjt

individwali;

- H. billi l-ispiża għal oġġetti u servizzi bażiċi u essenzjali, f'ħafna pajjiżi tal-UE, żdiedet b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin, u dan wassal għal żieda ġenerali fl-infiq tal-unitajiet domestiċi;
 - I. billi 17 % tal-familji b'ġenitur wieħed, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma mmexxija minn nisa, mhumiex f'qagħda jżommu d-djar tagħhom sħan, meta mqabbel ma' 10 % biss tal-popolazzjoni ġenerali; billi l-prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa naqsu, filwaqt li kien hemm żieda fil-prezzijiet bl-immnut, li wasslet għal żieda fil-prezzijiet; billi sfortunatament ma hemmx definizzjoni ta' faqar enerġetiku għall-Ewropa kollha, u billi dan il-fenomenu jaffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat;
 - J. billi r-rati ta' qgħad fost in-nisa żgħażaġh huma ogħla minn gruppi ta' etajiet oħrajn, li jkabbar ir-riskju li n-nisa żgħażaġh jispiċċaw fil-faqar minn età bikrija;
 - K. billi, filwaqt li ż-żieda fl-ispejjeż domestiċi u l-użu żejjed tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni huma wħud mir-raġunijiet għalfajn in-nisa qed jispiċċaw mingħajr dar, hemm bżonn ta' aktar riċerka dwar ir-rati u l-kawżi tan-nisa li jitilfu jew li jħallu djarhom; billi d-dejn domestiku u individwali hu relatat direttament mal-ispejjeż domestiċi, u hu kaġun ewlieni ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali;
 - L. billi, skont l-Osservazzjonijiet Finali tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, ir-rapporti dwar ċerti pajjiżi Ewropej juru li hemm rabta bejn iż-żieda fir-rati ta' faqar u/jew fir-riskju tal-faqar fost it-tfal bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u tat-tnaqqis fil-benefiċċji soċjali, li jaffettwaw id-drittijiet tat-tfal għall-edukazzjoni, is-saħħa u l-protezzjoni soċjali;
 - M. billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż l-esklużjoni fuq il-bażi tas-sessi, ma għandhomx jiġu definiti biss f'termini ta' introjtu, deprivazzjoni materjali u intensità tax-xogħol, iżda wkoll f'termini tal-bżonnijiet individwali sabiex wieħed jgħix b'dinjità u jipparteċipa fis-soċjetà b'mod attiv f'termini kulturali, soċjali, u politiċi;
1. Jesprimi tħassib kbir dwar il-valutazzjoni mill-Kummissjoni li l-mira ta' kontra l-faqar tal-2020 "tidher li ma tistax tintlaħaq", u jinsisti dwar spinta politika ġdida għal azzjoni Prattika, deċiża u vinkolanti mill-Kummissjoni f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) u mal-Kunsill Impjegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO) biex jindirizzaw il-faqar fl-UE, li jkun jirrikjedi strateġija olistika dwar il-faqar madwar l-UE li tenfasizza l-aspetti tal-ġeneru tal-faqar u strateġiji li jagħtu kunsiderazzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-familji li qed jiffaċċjaw il-faqar u lis-sitwazzjoni tal-ġenituri waħedhom; jinnota żieda żgħira iżda insuffiċjenti fil-partiċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa matul dawn l-aħħar snin, li jirrikjedi miżuri addizzjonali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-istrateġiji nazzjonali kontra l-faqar jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru kif ukoll jindirizzaw l-inugwaljanza tal-ġeneru;
 2. Jenfasizza d-distakk li qed jikber fil-faqar bejn l-Istati Membri madwar l-Unjoni, u ż-żieda fil-faqar estrem, b'mod partikolari l-faqar fost in-nisa, partikolarment f'pajjiżi u reġjuni milquta minn kriżijiet;

3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirranġaw l-istrategġiji nazzjonali ta' faqar tagħhom b' mod ikkoordinat sabiex il-mira Ewropea tkun tista' tintlaħaq; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-istrategġiji nazzjonali kontra l-faqar jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru kif ukoll jindirizzaw l-inugwaljanza tal-ġeneru; jitlob li kull Stat Membru jipprovdi projezzjoni dettaljata tal-pjan għat-tnaqqis tal-faqar tiegħu, u kif l-istrategġija tiegħu tindirizza l-aspetti tal-faqar u l-esklużjoni soċjali speċifiċi għas-sessi;
4. Jitlob għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jiġi indirizzat il-faqar li tinkludi perspettiva qawwiya dwar is-sessi;
5. Jenfasizza li l-faqar hu ġenerazzjonali u jirriproduċi lilu nnifsu, u għalhekk jeħtieġ approċċ olistiku intersezzjonali fit-tul għat-tfassil ta' politika, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż u d-dħul, kif ukoll il-forniment ta' servizzi pubbliċi; jinsisti li l-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom jiġu evalwati u indirizzati matul iċ-ċiklu tal-ħajja, mit-tfulija sa l-età avvanzata;
6. Iqis li għandu jittieħed kont ukoll tal-aspettattivi ta' ħajja itwal għan-nisa, bħala fattur li potenzjalment jaffettwa l-vulnerabbiltà u l-esklużjoni;
7. Jinnota li d-differenza fil-pagi u l-pensjonijiet bejn is-sessi huma kontributuri ewlenin għall-faqar fost in-nisa; jinnota l-impatti fit-tul fuq il-faqar tan-nisa tal-esklużjoni tan-nisa minn setturi tal-ekonomija li huma tradizzjonalment iddominati mill-irġiel, bħat-teknoloġija, ix-xjenza, karigi importanti ta' management u teħid ta' deċiżjonijiet, u r-rappreżentanza żejda tan-nisa f' setturi b'pigi baxxi b' mod komparattiv, bħal xogħol ta' kura tal-persuni, is-servizzi pubbliċi, xogħol part-time u xogħol prekarju b'paga baxxa; jesprimi tħassib li l-femminizzazzjoni tal-faqar hija parzjalment immexxija minn normi ta' inugwaljanza bejn is-sessi fit-tul, li jwasslu għal prijoritizzazzjoni ta' setturi dominati mill-irġiel, bħas-settur finanzjarju, fil-politika industrijali u fil-ftehimiet dwar l-iffissar tal-pagi;
8. Itenni li t-tfal huma esposti għal riskju akbar ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali minħabba l-faqar fost in-nisa, b' mod partikolari f' familji b' ġenitur wieħed, li jwassal għal inugwaljanzi soċjoekonomiċi akbar u fit-tul;
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkorpora dimensjoni soċjali aktar b'saħħitha u pilastru tal-ġeneru fis-Semestru Ewropew u tinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSR) li jkunu jindirizzaw l-aspetti tal-ġeneru tal-faqar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-koerenza politika sabiex il-politiki soċjali u ekonomiċi jikkomplementaw aktar milli jmorru kontra xulxin u biex jiġu identifikati indikaturi speċifiċi għas-sessi fil-qasam tal-qerda tal-faqar;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti definizzjoni ċara u ambizzjuża ta' klassifikazzjoni ta' "Triple A Social" għall-Ewropa, li tkun tinkludi strategġija ċara għall-ġlieda kontra l-aspetti tal-ġeneru tal-esklużjoni soċjali;
11. Itenni l-importanza li l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet permezz tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni formali u mhux formali, kif ukoll ir-rwol tal-edukazzjoni fil-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sessi u biex tiġi miġġielda l-istigmatizzazzjoni tal-faqar u biex jiżded id-dħul permezz tal-inklużjoni tan-nisa f' setturi fejn huma kienu sottorappreżentati bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerinija, u l-intraprenditorija, u jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora miri ta' taħriġ vokazzjonali għan-nisa fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-

pajjiżi;

12. Jinnota li kien ippruvat li l-edukazzjoni ekonomika u finanzjarja f'età żgħira ttejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi aktar tard fil-ħajja, inklużi fil-ġestjoni tal-ispejjeż u tad-dħul; jirrakkomanda l-iskambju tal-aħjar Prattika u l-promozzjoni ta' programmi edukattivi mmirati lejn in-nisa u l-bniet fi gruppi vulnerabbli u komunitajiet emarġinati li qed jiffaċċjaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali;
13. Jenfasizza li fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, għandhom jiddaħħlu fis-seħħ politiki mirati biex jindirizzaw iċ-ċirkostanzi partikolari ta' gruppi vulnerabbli u komunitajiet emarġinati li qed jiffaċċjaw forom speċifiċi ta' inugwaljanza bejn is-sessi u diskriminazzjoni multipla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw politiki li jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali ffaċċjati minn nisa b'diżabilità, nisa anzjani, nisa refuġjati u migranti, nisa Roma u nisa minn minoranzi etniċi, nisa f'żoni rurali u fi kwartieri foqra, ommijiet waħedhom, kif ukoll nisa studenti f'edukazzjoni terzjarja;
14. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tas-sessi dwar ir-riċessjoni sabiex jiġu identifikati bidliet li seħħew tul iż-żmien, minħabba l-fatt li n-nisa x'aktarx li jiġu affettwati b'mod sproporzjonat mill-qtuġħ fl-infiq pubbliku u f'servizzi pubbliċi fil-futur;
15. Jitlob azzjoni aktar ambizzjuża biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, li jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi ta' nisa waħedhom, b'ġenitur wieħed jew immexxija minn nisa;
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu definizzjoni tal-faqar enerġetiku li tikkunsidra l-aspetti tal-ġeneru ta' dan il-fenomeno, u biex jinkluduha fit-fassil mill-ġdid li jmiss tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija;
17. Jinnota li ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, ir-rinnovazzjoni u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma essenzjali biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku; jesprimi tħassib li l-politiki ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni spiss jonqsu milli jiffokaw fuq l-iktar persuni vulnerabbli; jinsisti li l-politiki ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni għandhom jiffokaw fuq unitajiet domestiċi foqra, ekonomikament esklużi u vulnerabbli, l-ewwel u qabel kolloxx, b'enfasi fuq dawk li jiffaċċjaw inugwaljanzi bejn is-sessi u diskriminazzjoni multipla;
18. Jenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet lokali fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku, u l-potenzjal ta' mekkaniżmi ta' finanzjament alternattiv bħal kooperattivi u mutwalitajiet biex titnaqqas it-tensjoni tal-konsumaturi vulnerabbli;
19. Iqis li politika dwar il-faqar enerġetiku fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali għandha ttfittex li tagħti s-setgħa lill-iktar konsumaturi vulnerabbli, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw inugwaljanzi bejn is-sessi u diskriminazzjoni multipla, u għandha tiggarrantixxi prezzijiet globali ekwi; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti aċċess għall-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew, biex jiġi ffaċċjat il-faqar enerġetiku; jistieden lill-Kummissjoni testendi l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn lil hinn mill-2020 u tevalwa sa liema punt dawk il-gruppi l-aktar fil-bżonn u vulnerabbli, bħalma huma n-nisa żgħażaġħ, familji b'ġenitur wieħed, persuni

b'diżabilità u nisa anzjani jkunu bbenefikaw mill-programm;

20. Jenfasizza li t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi jżid l-inugwaljanza bejn is-sessi, u li l-investment f'servizzi ta' kwalità għolja għandu l-potenzjal li jnaqqas l-inugwaljanzi; jenfasizza li l-politika makroekonomika għandha tkun kompatibbli mal-politika ta' ugwaljanza soċjali, u li għandha tinkludi perspettiva qawwija dwar il-ġeneru;
21. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess għal servizzi finanzjarji u ta' informazzjoni għall-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u għall-inklużjoni soċjali tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tan-nisa għal servizzi finanzjarji fil-forma ta' rati ta' interess favorevoli u proċeduri simplifikati u informazzjoni għan-nisa fi gruppi vulnerabbli u komunitajiet emarġinati (?);
22. Jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji, bħall-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali, jikkunsidraw l-impatti soċjali, inklużi l-impatti fuq l-inugwaljanzi bejn is-sessi, fit-tfassil u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politiki monetarji makroekonomiċi;
23. Iħeġġeġ ċaqliq lejn l-individwalizzazzjoni tad-drittijiet fil-politika ta' ugwaljanza soċjali, fejn l-ispejjeż u d-dħul jiġu kkalkulati, u d-data rilevanti miġbura fuq bażi individwali, pjuttost milli f'termini ta' unità domestika;
24. Itenni l-bżonn ta' investment fit-tkabbir sostenibbli u inklużiv fil-livelli nazzjonali u Ewropej, u l-ħtieġa għal baġitjar tas-sessi fl-oqsma kollha tal-politika pubblika u ta' investment soċjali;
25. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), u lill-Istati Membri jwettqu riċerka dwar il-problema tan-nisa mingħajr dar u l-kawżi tagħha u r-raġunijiet għaliha, peress li dan il-fenomeni mhuwiex espress kif xieraq fid-data attwali; jinnota li l-elementi speċifiċi għall-ġeneru li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu d-dipendenza ekonomika bbażata fuq is-sessi, l-akkomodazzjoni temporanja, jew l-evitar ta' servizzi soċjali;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu passi biex tindirizza d-dejn eċċessiv iffaċċjat minn nisa f'unitajiet domestiċi foqra u esklużi, billi jiġu miġġielda dawk li jisilfu l-flus b'imgħax għoli ħafna u self bil-quddiem fuq il-paga, rati ta' imgħax predatorji u eċċessivi, u Prattiki abbużivi oħrajn, u billi tiffaċilita pariri finanzjarji sodi u r-ristrutturar tad-dejn soċjali;
27. Jindika r-rwol importanti tal-intraprenditorija u ta' mudelli ta' negozju alternattivi, bħal kooperattivi u mutwalitajiet, biex jiffaċilitaw l-inklużjoni soċjali u l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa, b'mod partikolari f'komunitajiet emarġinati, u l-indipendenza ekonomika dejjem akbar tagħhom;
28. Jappoġġja l-inizjattiva sabiex jitfassal baġit ta' referenza bħala linja gwida, u jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-ġeneru meta tfassalu, inkluż l-inugwaljanzi bejn il-ġeneru ffaċċjati mill-unitajiet domestiċi;
29. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jindirizzaw il-faqar fost in-nisa u l-esklużjoni soċjali permezz ta' inizjattivi li jiggarrantixxu impjiegi ta' kwalità għolja b'paga li tiggarrantixxi l-għajxien f'setturi dominati min-nisa; jenfasizza r-rwol li t-trejdjunjins jista' jkollhom fir-rappreżentanza u fl-emanċipazzjoni tan-nisa fuq il-post tax-xogħol u fil-

għieda kontra l-esklużjoni; jistieden lill-Istati Membri jipproponu u jwettqu sħarriġ speċifiku għal min jimpjega u sħarriġ dwar is-salarji speċifiku għas-settur, sabiex juru l-iskemi ta' salarji inugwali li jolqtu lin-nisa u lill-irġiel fl-istess post tax-xogħol bħala mezz biex jitħaffef il-progress lejn paga ugwali;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħlqu impenn min-naħa tal-partijiet interessati u proċessi li jippromwovu u jiffaċilitaw l-involviment dirett ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, fit-tfassil tal-politiki dwar l-inklużjoni soċjali fil-livelli kollha.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	28.1.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 18 -: 11 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Maria Arena, Catherine Bearder, Malin Björk, Anna Maria Corazza Bildt, Iratxe García Pérez, Mary Honeyball, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Vicky Maeijer, Angelika Mlinar, Angelika Niebler, Maria Noichl, Marijana Petir, Terry Reintke, Jordi Sebastià, Ernest Urtasun, Beatrix von Storch, Jadwiga Wiśniewska, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Izaskun Bilbao Barandica, Stefan Eck, Eleonora Forenza, Ildikó Gáll-Pelcz, Kostadinka Kuneva, Constance Le Grip, Clare Moody, Julie Ward
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pedro Silva Pereira, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Kristina Winberg